**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 10 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 1**

**Avviz Nru: 166/02AE**

**Paul Borg**

**Vs**

**Philip Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' tlett mija u hmistax-il lira Maltija (Lm315), arretrati ta' cens tal-fond Phildor, Triq Flontin, Fleur de Lys ghas-snin 1999, 2000 u 2001 fl-ammont ta' mija u hames liri Maltin (Lm105) ghal kull sena, li jithallas kull sitt xhur bil-quddiem, liema cens jiskadi fl-20 ta' Marzu u fl-20 ta' Settembru ta' kull sena.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz fil-21 ta' Marzu 2002, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-attur jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti li gew prezentati mill-attur (Dok. PB1 – PB5).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u hmistax-il lira Maltija (Lm315) kif fuq spjegat, bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**